Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**12979/22**

**CSDP/PSDC 594**
**CFSP/PESC 1266**
**EUMC 300**
**COAFR 242**
**RELEX 1269**
**CONUN 220**
**CSC 422**
**EUTM RCA 14**
**PSC DEC 39**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/105 (EUTM RCA/3/2022) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/…**

**ta' …**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/105 (EUTM RCA/3/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

[1] ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(2) Fid-19 ta' Jannar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/105[1] li ħatar lill-Brigadier Ġeneral Jacky CABO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(3) Fit-28 ta' Lulju 2022, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1334[2], il-Kunsill estenda l-mandat tal-EUTM RCA sal-20 ta' Settembru 2023.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2022/105 tad-19 ta’ Jannar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1435 (EUTM RCA/1/2022) (ĠU L 18, 27.1.2022, p. 9).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1334 tat-28 ta’ Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 201, 1.8.2020, p. 27).

(4) Fis-16 ta' Settembru 2022, l-awtoritajiet Militari Portugiżi pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Lino Loureiro GONÇALVES bħala l-Kmandant li jmiss tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA malajr kemm jista' jkun. Il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa dik il-proposta.

(5) Fit-23 ta' Settembru 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-KPS japprova l-proposta li saret mill-awtoritajiet Militari Portugiżi.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Lino Loureiro GONÇALVES bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/105 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Lino Loureiro GONÇALVES huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mill-10 ta' Ottubru 2022.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/105 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2022.

Magħmul fi Brussell, …

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*